**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 8-11

**Data:** **28** ta' Settembru 2011

**Hin:** 18.15p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Michael Cohen - Sindku
Norbert Grech - Vici Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera - Assenti
Speranza Chircop – Kunsilliera
Roderick Mizzi – Kunsillier

**Minuti** :

**1. Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tas-seduta nru; 7.11 gew moqrija u approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku is-Sur Michael Cohen u sekondati mill-Kunsilliera Speranza Chircop.

**2. Punti mqajjma mill-Minuti:-**

2.1 Memo 52/2011- Car Free Day.

Gie diskuss l-andament tal-attivita tal-Car Free Day u anness mal-minuti qieghed jitpogga l-artiklu relatat mal-attivita'.

2.2 Bus Shelter.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa ltaqa fuq il-post flimkien mal-perit tal-kumpannija Faces, u ma rapprezentant ta' Trasport Malta, fejn dawn flimkien ftiehmu u qablu li l-Bus Shelter jersaq ftit il-fuq mill-post ezistenti. It-Trasport Malta se taghmel l-applikazzjoni mill-gdid ghal dan il-Bus Shelter.

2.3 Is-servizz tat-trasport pubbliku.

Il-Kunsill qabel li tintbghat ittra lir-rapprezentant tal-Arriva bl-ilmenti kollha mressqa mir-residenti.
Fost dawn l-ilmenti hemm:

2.3a. Li filghodu is-servizz qieghed jinghata bil-karozzi iz-zghar u mhux il-kbar bil-konsegwenza li hafna nies qieghdin jibqghu l-art.
2.3b. Filghaxija qed tinholoq problema fi Triq Santu Rokku minhabba li l-karozzi m'humiex qieghdin ikunu jistghu jghaddu minhabba li qieghdin isibu hafna karozzi ipparkjati u t-triq tigi dejqa wisq sabiex tkun tista tghaddi l-karozza l-kbira.
2.3c. M'hux qieghed ikun hemm hin stabbilit fi x'hin qieghed jinghata is-servizz. Minhabba li s-servizz ghar-rotta tal-Kalkara gie amalgamat ma dak tax-Xghajra, meta l-karozza tasal il-Kalkara qieghda tasal mimlija u hafna nies jibqghu l-art minhabba f'hekk.
2.3d. Qed jigi nnutat ukoll li meta l-karozza tghaddi mill-Kalkara fi triqitha lejn ix-Xghajra hafna drabi din m'hijiex terga tigi lura.
2.3e. Qieghda tinhass il-htiega li il-hin ta' tluq mill-Kalkara ghandu jkun aktar kmieni minhabba li hafna nies qieghdin jaslu tard fil-post tax-xoghol.

3 **<u>Komunikat mis-Sindku.</u>**

3.1 <u>Kuntratt LES.</u>
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li issa li s-sistema tal-LES minn nhar l-1 ta' Settembru 2011 giet delegata lir-Regjuni, ic-citazzjonijiet kollha li jinghataw mill-1 ta' Settembru 2011 l'quddiem ser ikunu dovuti lir-Regjun pero il-Kunsill ser jibda jkollu 10% fuq il-hlas li jsir fl-ufficcju tal-Kunsill Lokali.

3.2 <u>SDAP.</u>
Is-Sindku informa lill-Kunsill, li r-rapport tas-Sustainable Development Action Plan issa tlesta u qieghed jigi ipprintjat. Dan ghandu jkun lest fiz-zmien qarib.

3.3 <u>Gemellagg.</u>
Matul iz-zjara tad-delegazzjoni mill-Kunsill li marret Crespellano relatata mal-Gemellag gie diskuss li l-programm tal-Europe for Citizens li l-Kunsill applika u ser jiehu l-fondi ghalih ikun ahjar li jinqasam f'zewg gruppi ta' 26 il-wiehed fuq medda ta' 5 t'ijiem kull wiehed. Is-Sindku qal sabiex nikkonfermaw jekk dan jistax isir, u jekk iva il-programm jigi emendat. Minhabba li l-ammont moghti mill-Eu m'huwiex ser ikopri l-ispejjez kollha, il-Kunsill xorta ghandu japplika ghall-Co-financing. Is-Sindku qal li t-taljani ghadhom interessati sabiex jikkordinaw programm ghat-tghalim tal-Ingliz u ghalhekk ser jifthu sejha ghar-residenti taghhom. Is-Sindku qal ukoll li il-Maestro Joe Brown u l-kantant Neville Refalo taw kuncert sabih il-Hadd filghodu. It-Taljani qieghdin jipproponu sabiex is-sena li gejja titla l-banda kollha tal-Maestro Joe Brown ghall-kuncert fl-okkazjoni tal-Festa Fiera taghhom.

**4. <u>Korrispondenza.</u>**

4.1 Applikazzjoni ghall-Urban Improvement Funds.
Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni giet milqughha. Kif il-Kunsill ikollu l-prezz tal-lava f'idejh, ix-xoghol ikun jista jibda.

4.2 Memo 90/2011 Skema Inizjattivi Sportivi 2012.
Is-Sindku iddiskuta din il-Memo mal-Kunsilliera u ghaddieha lill-Vici Sindku Norbert Grech peress li din taqa' taht id-dekasteru tieghu.

4.3 Memo 87/2011- Skema Progetti Specjali 2011.
Il-Kunsill qabel li ghal din l-iskema japplika bil-progetti tal-Isqaqien Marina Nru 1 u 2 peress li l-permessi diga gew approvati mill-MEPA.

4.4 Inqara ir-rapport tal-Management Letter u t-twegiba li se tinghata. Kien hemm qbil dwar dan.

**5. Jum il-Kalkara**

Il-Kuncert ta' Jum il-Kalkara ser isir nhar is-Sibt 10 ta' Dicembru 2011, Jum il-premjazzjoni kif ukoll Jum it-tfal tal-iskola isir il-Gimgha fid-9 ta' Dicembru 2011, filwaqt li s-serata ghall-anzjani u l-familja issir nhar il-Gimgha 16 ta' Dicembru 2011.

**6. Pjan t'Attivitajiet ghas-Sena 2012**

Jigi diskuss fis-seduta li jmiss.

**7. Approvazzjoni tal-Lista ta' Pagamenti.**

Giet approvata wkoll il-lista tal-pagamenti bin-numru tar-referenza 08-11

**8. Aggornament**

7.1 Il-Vici Sindku Norbert Grech qajjem dawn il-punti:

a. Issir Zebra Cross quddiem il-ground tal-football minhabba li l-privates tal-iskola qed iwaqqfu t-tfal fin-naha l-ohra tat-triq. Is-Sindku qal li dan il-punt diga kien tressaq qabel u gie deciz li peress li t-triq ser tinbena mill-gdid, iz-zebra cross issir wara.

7.2 Il-Kunsilliera Speranza Chircop infurmat lill-Kunsill b'dan li gej:

a. Hija qalet li xi residenti ilmentaw maghha li l-bankijiet tax-Xatt m'humiex komdi. Is-Sindku qallha li l-Kunsill m'huwiex fil-pozizzjoni finanzjarja li jbiddel il-bankijiet kollha peress li din il-haga m'hix priorita'.

b. Ipproponiet sabiex ghas-Sajf li gej, isiru konkos ghall-umbrelel fil-bajja ta' Rnella.

7.3 Il-Kunsillier Roderick Mizzi qajjem dawn il-punti:

a. Jitwahhlu tabelli ghan-No Camping fil-bajja ta' Rnella

b. Kuntatt mal-pulizija sabiex tizdied ir-ronda taghhom mal-Kalkara b'mod specjali fl-area tal-ufficcju tal-Kunsill Lokali.

Is-seduta ghalqet fit-8.30 ta' filghaxija.

| | |
|---|---|
| M.Cohen | S Galea Iriele |
| Sindku | Seg Ezekuttiv |